MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 515/2004

**Gasan Mamo Insurance Limited (C 3143) hekk kif issurrogata fid-drittijiet ta' l-assikurata taghha Pauline Farrugia (ID 150461 M) sija bil-polza sija bil-Ligi**
**Vs**
**Carmelo sive Charles Briffa**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tas-socjeta' attrici noe et fejn qed titlob lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallasha noe et is-somma ta' seba' mija u tlieta u erbghin lira u sittax-il centezmu (Lm743.16), rapprezentanti danni subiti fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAG 101, proprjeta' ta' l-assikurata tas-socjeta' attrici, Pauline Farrugia, rizultanti minn spluzzjoni li sehhet fil-10 ta' Marzu, 2000 fil-kamra tan-nar "Briffa Fireworks Factory," fil-Gharghur, liema kamra tan-nar hija proprjeta' u mmexxija mil-konvenut;

F’dan l-incident tar il-gebel u materjal iebes iehor ghal fuq il-vettura, proprjeta’ ta’ l-assikurata tas-socjeta’ attrici, u liema vettura kienet ipparkjata;

Illi dan l-incident sehh tort unikament minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenut;

L-ammont mitlub jinkludi s-somma ta’ mitt lira (Lm100) mhallsa bhala “excess,” mill-attrici, Pauline Farrugia, li kienet assikurata taht polza ta’ l-assikurazzjoni tat-tip “comprehensive,” mas-socjeta’ attrici, li minn naha taghha ghamlet tajjeb ghad-danni subiti fuq il-vettura ta’ l-assikurata taghha;

Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-7 ta’ Marzu, 2002 u tal-11 ta’ Novembru, 2003 u tal-mandat kawtelatorju ta’ sekwestru u ta’ qbid pprezentati kontestwalment mal-avviz u bl-imghaxijiet legali mis-7 ta’ Marzu, 2002;

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess atturi stante li l-konvenut ma kien bl-ebda mod responsabbli ghall-incident mertu ta’ din il-kawza;

Illi, minghajr pregudizzju ghal premess, l-ammont pretiz mill-atturi huwa eccessiv;

Salv Eccezzjonijiet ulterjuri;

Ra x-xhieda ta’ PS 586 Joseph Brincat li spjega li f’Marzu, 2000 kienet splodiet kamra tan-nar u kienet giet ordnata inkjesta magisterjali. F’dan l-incident jikkonferma li kien hemm vettura li kienet garbet hsarat u kienet giet ezaminata mill-espert tekniku Joseph Zammit;

Ix-xhud jikkonferma li r-rapport kien sar dakinhar ta’ l-incident, izda hu kien dahhal ir-rapport l-ghada;

Ra x-xhieda ta’ Pauline Farrugia, li hija l-proprjetarja tal-vettura tal-marka Peugeot bin-numru ta’ registrazzjoni EAG 101. Tispjega illi fl-10 ta’ Marzu, 2000 il-vettura taghha kienet ipparkjata *f’parking area* ta’ dar privata f’Tax-Xwieki, limiti tal-Gharghur. Kienet splodiet kamra tan-nar u mal-ispluzjoni kienet rat hafna debris mal-art u kienet sabet zewg daqqiet tal-gebel fuq il-bieba tal-passiggier kif ukoll titjir ta’ spray u l-hgiega ta’ wara kienet kemm kemm imxaqqa;

Wara li sehh dan l-incident kienet ghamlet rapport l-ghassa u kienu gew l-esperti tal-Qorti minhabba li kienet infethet inkjesta magisterjali;

Tikkonferma li hi kellha polza “*fully comprehensive*,” u wara li hallset l-excess ta’ mitt lira (Lm100) s-socjeta’ attrici kienet giet surrogata u hallsitilha l-ispejjes kollha;

Ix-xhud tispjega illi l-uniku post fejn ma kelliex hsara kien fis-saqaf tal-karozza. Kienet haditha sabiex tissewwa ghand Auto Mart u kienu sprejjaw il-vettura kollha;

Ix-xhud tispjega illi hi ilha tmur fil-post fejn sehh l-incident xi tmien snin u tmur ta’ l-anqas darbtejn fil-gimgha. Kienet ipparkjat xi mitt metru ‘l boghod mill-kamra, izda kien biss wara l-incident fejn kien hemm indikazzjonijiet biex hadd ma jipparkja inqas minn mitejn metru;

Ra x-xhieda tal-Kurunell Albert Camilleri li jikkonferma li kien gie nominat bhala espert mill-Magistrat Inkwerenti dwar l-ispluzjoni li sehhet fl-10 ta’ Marzu, 2000, f’TA’ Xwieki, Gharghur, meta kienet splodiet kamra tan-nar. Jikkonferma li kien hemm ukoll mahtur bhala espert il-Perit Richard Aquilina, kif ukoll li seta’ kien hemm xi espert tal-karozzi, ghaliex jiftakar li kien hemm xi hsara zghira f’xi karozza;

Ra x-xhieda ta’ Joseph Zammit li kien gie nominat ukoll bhala espert fl-inkjesta Magisterjali. Jikkonferma li kien ezamina il-vettura EAG 101, quddiem l-Ghassa tan-Naxxar;

Bhala hsarat l-aktar li kellha kien fl-ispray paint, u fuq il-genb tal-lemin. Il-hsara kien taht il-hames mitt lira. Ighid li kien wasal ghal dan l-ammont peress li kkalkola li l-isprayer jithallsu bejn hamsa u tlettin u erbghin lira ‘l bicca. Il-hsara giet ikkagunata bil-frak u trab tal-gebel, li laqtu l-istess karozza. Jista’ jkun ukoll li kien hemm bzonn tal-*panel beater*;

Ra x-xhieda tal-konvenut li spjega li ilhom tlett generazzjonijiet dilettanti tan-nar. Jispjega illi dakinhar ta’ l-incident it-tahlita li kien ghamel kienet wahda semplici, maghmula mill-*barium nitrate* u mhux *chloride* li huwa aktar sensittiv. Ighid li din it-tahlita hija wahda “*safe*” hafna tant li tista’ tinzamm f’karozza, jew fuq yacht;

Ix-xhud ighid ukoll illi ma jafx minn fejn kien gie n-nar, izda kien jaf li dakinhar kien hemm il-bieb miftuh u ghalhekk jista’ jkun li dahal minn hemm;

Il-konvenut jispjega li meta jhalltu jtellghu bandiera hamra, izda dakinhar ta’ l-incident ma kienu qed jaghmlu xejn. Ighid li kien xi erba’ mitt pied boghod minn fejn sehhet l-ispluzjoni u kien sema’ “*crackling*.” Dakinhar ir-rih kien qawwi, kien punent majjistral u li kieku n-nar tqabbad wahdu, kienet tinstema’ bomba;

Ra x-xhieda ta’ Annettu Portelli. Dan jirrapprezenta d-Direttur Generali tal-Explosives Committee. Ilu jahdem fix-xoghol tan-nar ghal dawn l-ahhar erbghin sena. Jispjega li hemm bzonn ta’ *potassium chloride* sabiex jaghtu kulur ahdar. Ighid ukoll li huwa difficli li din it-tahlita taqbad wahedha. Gieli ghamlu tahlita aktar perikoluza minn din u ma haditx. Pero’ ma jistax jikkonferma mija fil-mija;

Jispjega illi din il-kimika tinxtara fit-tankijiet jew sigillata go boroz u gieli jitpoggew hdejn xulxin. Izda sabiex dawn jaqbdu jkun hemm bzonn ta’ “*oxidising agent*” u fuel;

Wara li jithalltu dawn il-kimici, jithallew jikshu sabiex jiehdu forma ta’ stilla. Jikkonferma li kemm ilu f’dan ix-xoghol tan-nar ghal dawn l-ahhar erbghin sena qatt ma ra din it-tahlita tinharaq wahedha;

Ra d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidra

Ghandu jinghad li mill-provi jirrizulta li fil-gurnata in kwistjoni l-konvenut kien halla l-bieb tal-mahzen miftuh u li dakinhar ukoll ir-rih kien minn faccata. Dan hu ammess mill-istess konvenut. Dan ghandu importanza ghaliex jekk in-nar origina minn barra il-fatt li il-bieb thalla miftuh kien fattur ghala l-istess nara infirex ghal gol-fond fejn kien mizmum il-materjal esplussiv;

It-Tribunal ghandu dawn il-fatturi kollha biex jikkunsidra qabel ma jasal ghal konkluzzjonijiet;

Il-Professur Vella mqabbad bhala espert fl-Inkjesta Magisterjali, prattikament wasal ghal istess konkluzzjoni tal-Kurunell Camilleri, hlief pero' jidher li hu aktar soggettiv fil-konkluzzjonijiet tieghu meta jghid:-

“Il-kawza tal-hruq inizzjali mhux maghrufa u lanqas ma hu maghruf liema materjal ha n-nar, li cioe' jekk kienetx il-komposizzjoni ta' l-istillel jew il-porvli fl-ixkejjer. Stante izda li t-tahlita ta' l-istillel kienet qeghda skjerata sabiex tinxef f'forom zghar apposta, x'aktarx fuq tillar. Huwa aktar probabbli li din it-tahlita hadet in-nar l-ewwel. X'ikkawzaha biex tiehu n-nar mhux stabbilit. Il-Professur Vella ma jistax jeskludi li n-nar seta' ha spontanjament u minghajr l-ebda provokazzjoni minn xi agenzija distinta.”

L-Artikolu 1029 tal-Kap. 16 jipprovdi li “kull hsara li tigri b'accident jew b'forza magguri ibatiha, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espresso tal-ligi li tghid li kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew beni tieghu tigri l-hsara.”

Izda l-kuncett tal-kaz ta' accident jew forza magguri ma jipprevalix meta ghall-hsara jkun ikkontribwixxa l-fatt, posittiv jew negattiv, tal-bniedem. Skond il-principji tad-dritt, biex ikun hem mil-kaz ta' accident jew force majeur mhux bizzejjed li jkun hemm avvenniment insolitu, sproporzjonat, u li jkun inevitabbli, b'mod li ma jistax jigi

evitat bid-diligenza ordinarja tal-"bonus paterfamilias". Issegwi li jekk jirrizulta xi nuqqas tal-bniedem din l-eccezzjoni ma tistax tirnexxi.[Brian Valenzia vs. Joseph Camilleri Q. Appell Dec. 27/06/03];

Isegwi ghalhekk li dan it-Tribunal ghandu jistabilixxi jekk in-nar giex ikkawzat minhabba li kien hemm xi omissjoni, xi nuqqas da parti tal-konvenut jew jekk l-istess nar setax jigi evitat anke meta l-istess konvenut ezercita d-diligenza ta' "bonus paterfamilias";

Primarjament, gie stabbilit illi dakinhar li sehh l-incident, il-konvenut kien ghadu kemm ghamel it-tahlita tal-istill ssir bil-"barium nitrate". Hija "tahlita semplici", fi kliem il-konvenut. Ighid li ma kienx juza' "chloride". It-tahlita thalliet tiksah f'ambjent fejn il-bieb li jaghti ghal barra thalla miftuh bir-rih gej minn faccata;

Annettu Portelli, li ilu fix-xoghol tan-nar ghal erbghin sena gharraf it-tahlita li saret bhala wahda ta' l-istilla, li wara li jithalltu l-kimici msemmija (barium nitrate) jithallew jikshu;

Portelli stabilixxa wkoll li kemm ilu f'dan ix-xoghol qatt ma sema li din it-tip ta' tahlita hadet in-nar spontanjament u sabiex jigri hekk hemm bzonn ta' "fuel" u "oxidising agent" ma' genb din it-tahlita;

L-attrici pprezentat kopja tal-process verbal li gie preparat wara inkjesta Magisterjali fuq l-ispluzjoni, meritu tal-kawza;

Mill-inkjesta fejn gie mqabbad l-espert il-Kurunell Albert Camilleri, gie stabbilit illi n-nar beda gewwa wiehed mill-imhazen, precisament dak il-mahzen fejn kienet qeghda tinxef it-tahlita ta' l-istilla. Pero' jispjega illi peress illi kien hemm tahlit pirotekniku iehor ghaldaqstant ma setax jiggarantixxi minn liema tahlita beda n-nar. Pero' jkompli jispjega illi "in-nar infirex instantanjament ghal materjal esplosiv iehor, fosthom porvli u b'hekk sehhet spluzjoni b'konsegwenza li xi missili li kienu jaqbdu taru b'velocita' kbira minn dan il-mahzen ghal block B25-B28 fejn kien hemm l-ikbar koncentrazzjoni ta' xoghol tan-nar u kimici

ohra. Din l-ispluzjoni giet segwita minn nirien u sussegwentement minn spluzjonijiet ta’ magnitudi izghar kawzati mid-diversi “oxidising agents” u “fuel” li kien hemm fl-istess block li b’konsegwenza ta’ dak li gara dawn thallew flimkien, forsi wkoll misturi esplozivi”… … il-Kurunell bl-ebda mod ma jrid jaghti l-impressjoni l-kawza tal-ewwel spluzjoni tista’ tigi attribwita ghal dan in-nuqqas, ghalkemm huwa ma jixtieqx jeskludi li dan seta’ kkontribwixxa ghal kobor ta’ dan l-incident”;

Di piu’ hemm zewg verzjonijiet kontrastanti minn naha wahda x-xhud Annettu Portelli li jghid li t-tahlita ta’ l-istilla ma tiehux n-nar sakemm ma jkunx hemm “fuels” jew “oxidising agents” fl-istess mahzen li jintervjenu;

Minn naha l-ohra hemm l-esperti fl-inkjesta magisterjali l-Kurunell Camilleri, kif ukoll il-Professur Vella li jaqblu illi l-kagun tan-nar possibilment kien mill-komposizzjoni ta’ l-istillel minhabba li l-ingredjenti mhalltin flimkien kienu jirrendu li din it-tahlita instabbli u suxxettibbli ghall-hruq;

Il-kompitu ta’ dan it-Tribunal f’dan il-kaz mhux wiehed facli minhabba diversi provi apparentement kontradditorji. Dak li hu primarjament essenzjali, pero’, huwa li jigi evaluwat jekk kienx hemm xi nuqqas da parti tal-konvenut meta pogga dan il-materjal kombustiv fl-istess kamra, li seta’ kkaguna n-nar u l-konsegwenti spluzjoni;

L-iktar fatturi importanti li wasslu lit-Tribunal ghal konkluzjoni tieghu hija li jekk skond l-istess konvenut it-tahlita ta’ l-istilla ma setghatx taqbad spontanjament, jibqa il-fatt li irrizulta nar. Jidher li hemm zewg possibilitajiet: jew in-nar gie minn barra jew, kif issuggerixxa il-Prof Vella it-tahlita kif saret kienet wahda instabbli li fil-fatt setghet taqbad u infatti qabdet;

Fil-fehma tat-Tribunal fiz-zewg kazi l-konvenut johrog responsabbli ghal dak li gara;

Irrizulta mill-provi li hu kaz rari hafna li t-tahlita ta’ l-istilla tiehu n-nar spontanjament. Tant li kieku issemmiet u gie pruvat li kien hemm dan il-materjal biss, kien ikun ferm

difficli ghat-Tribunal jasal ghal konkluzjoni li ser jasal ghaliha in mankanza ta’ provi ohra. Pero’, kif inghad il-provi juru certa instabbilita’ fit-tahlita;

Inoltri t-Tribunal ihoss illi kieku d-diversi komposizzjonijiet ma tpoggewx fl-istess mahzen, l-effett finali talhruq u espluzjoni ma kienx ikun tal-manjitudi li irrizultat. Dan l-incident seta’ gie evitat kieku kien hemm certu prudenza fil-preparazzjoni u tqieghid tal-kimika, kif ukoll seta’ gie evitat li jithalla l-bieb miftuh, partikolarment meta r-rih kien mill-Majjistral. Dan ‘per se’ kollu jikkostitwixxi negligenza da parti tal-konvenut;

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili f’kaz fejn kien hemm nar minhabba materjal kombustibbli gie enuncjat hekk:-

“Fil-kaz in ezami l-Qorti irravvizat negligenza kontributorja da parti tal-konvenut li fil-fatt stiva fil-garaxx kwantita’ kbira ta’ materjal u oggetti, fosthom materjal kombustibbli, b’mod tali li rrenda difficli li jigi kkontrollat in-nar. Kien prevedibbli ghall-konvenut li jigri dak li gara, meta hu kien qed jiggaraxxja l-karozza mhux go garaxx normali imma go sotterran fejn hemm ufficcju u bini fuqu u materjal kombustibbli. Minflok ha l-prekawzjonijiet tal-bonus paterfamilias (eg. Billi jzomm fire extinguisher) hu agixxa mod li agevola t-tixrid tan-nar. (PAQC Ivo Zammit noe vs. Christopher Agius et. Doc. 15/12/03). Din il-konsiderazzjoni tapplika ghal kaz prezenti minn kull aspett, cioe, kemm ghax thalla il-bieb miftuh kif ukoll ghal fatt li diversi tahlitiet thallew flimkien fl-istess ambjent b’mod li jekk kien hemm hruq dan necessarjament kien ser jirrizulta f’espluzjoni bhal dik in ezami.

Ghaldaqstant, ghandu jigi sottolinejat illi l-htija tal-konvenut hija ghalhekk mhix li hu kkawza n-nar, izda li kolpozament u negligentement holoq sitwazzjoni li kkontribwiet sewwa biex in-nar facilment seta’ jibda u jinxtered b’mod li estenda ghal fondi attigwi fejn ikkaguna d-danni li l-attrici qed tirreklama;

Inkwantu jirrigwarda l-ammont tad-danni reklamati, l-konvenut naqas li jipprova li dawn huma eccessivi kif

eccepixxa u ghaldaqstant it-Tribunal jaccetta l-verzjoni ta' l-attrici stante li jirrizulta li l-istess gew subiti;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici u jordna lill-konvenut ihallas lill-attrici is-somma komplessiva ta' seba' mija tlieta u erbghin lira Maltin u sittax –il centezmu (Lm743.16), bhala danni ikkagunati fuq il-vettura taghha li ggib in-numru ta' registrazzjoni EAG-101;

Bl-ispejjes u l-imghax kif mitluba ghall-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------